# QORTI TA' L-APPELL

**IMHALLFIN**

**S.T.O. JOSEPH SAID PULLICINO B.A.(HONS.), LL.D. - PRESIDENT**
**ONOR. JOSEPH A. FILLETTI B.A. LL.D., A.R.HIST.S.**
**ONOR. FRANCO DEPASQUALE B.A. LL.D.**

**Seduta ta' nhar il-Erbgha, 28 ta' Frar 2001.**

**Numru 2**

**Citaz. numru 1506/94**

**Silvio Vassallo ghan-nom u in rappresentanza tas-socjeta' H. Vassallo & Sons Limited**

**vs**

**Walter u Doris Mallia**

**Il-Qorti;**

Tikkunsidra s-segwenti rikors tal-appellanti datat 24 ta' Awissu 1998, biex din il-Qorti tirrevoka d-digriet ta' dezerzjoni moghti fit-23 ta' Gunju 1997, u li konsegwentement tipprocedi ghas-smiegh tal-appell skond il-ligi.

> "Illi l-esponenti pprezentaw rikors tal-appell fil-21 ta' Gunju 1996 fejn talbu illi dina l-Qorti tirrevoka sentenza tal-Prim Awla tal-Qorti Civili mghotija fit-3 ta' Gunju 1996 fil-kawza fl-ismijiet fuq premessi.
> Illi fid-9 ta' Jannar 1998 ircivew ittra legali minghand l-atturi appellanti ghal hlas tas-somma kononizzata bl-imsemmija

sentenza kif ukoll ghall-ispejjes tal-kawza u b'hekk saru jafu ghal ewwel darba illi l-appell taghhom ipprezentat fil-21 ta' Gunju 1996 gie dikjarat dezert mir-Registratur fit-23 ta' Gunju 1997 ghat-tenur tal-Artikolku 963 Kap 12.

Illi dan id-digriet huwa skorrett kif ukoll irritwali ghal diversi ragunijiet.

Illi kif jidher mill-process tal-kawza l-uniku riferta li hemm hija dik datata 27 ta' Gunju 1996 li tghid verbalment hekk : "Nghid u nizgura illi ma nnotifikajtx lill-"H. Vassallo & Sons Ltd" b'dan l-att bil-Posta billi 'Wrong Address". B'dan gharraft permezz ta' ittra lil 4805."

Il-firma ta' min ghamel ir-riferta hija illegibbli kif ukoll dak li rcieva l-ittra mhux indikat b'ismu izda b'numru bhal James Bond.

Presumibilment il-Marixxall li ghamel ir-riferta huwa Joseph Azzopardi li ismu jinsab stampat fl-ahhar tal-faccata.

Illi l-atti processwali juru illi r-rikors tal-appell kien l-uniku att li gie mahrug u ghalkemm gie indikat l-indirizz tal-appellat kif huwa stess indika fl-att tac-citazzjoni, r-riferta tghid li dan l-indirizz kien hazin.

Haga stramba illi qatt ma nhareg l-avviz ghas-smiegh tal-kawza u konsegwentement l-esponenti ma setghux ikunu jafu bl-appuntament tal-kawza li konsegwentement ma gietx appuntata u wisq anqas kienu jafu bid-digriet tad-deserzjoni.

Illi d-digriet ta' dezerzjoni huwa bazat fuq l-Artikolu 963 tal-Kodici tal-Organizazzjoni u Procedura Civili (Kap 12) li jiddisponi hekk : "Bla hsara tad-disposizzjonijiet tal-Artikolu 416 u 420 il-procedura bil-miktub, f'kull kawza ghandha tigi maghluqa, fil-Qorti tal-ewwel grad fi zmien perentorju ta' sitt xhur u fil-Qorti fil-grad tal-appell fiz-zmien perenterju ta' sena."

Illi fl-artikolu 146(1) l-istess Kodici jiddefinixxi l-gheluq tal-proceduri bil-miktub fil-Qorti tal-Appell hekk ; "Il-procedura bil-miktub quddiem il-Qorti fi grad tal-appell titqies maghluqa **bit-twegiba ghar-rikors** u fin-nuqqas ta' twegiba bl-gheluq taz-zmien moghti ghaliha."

Illi qieghed jigi sottomess illi :-

1. Is-semplici dekorriment tat-terminu ta' sena mill-prezentata tar-rikors tal-appell ma jgibx id-dezerzjoni kif donnu qieghed jahseb ir-Registratur.

2. Illi kif gie ripetutament deciz minn dawn il-Qrati, kif del resto jirrizulta mill-istess Kodici tal-Procedura illi meta fl-artikolu 963(1) il-ligi tirreferi ghall-proceduri bil-miktub ma hijiex qeghda tirreferi ghan-notifika tal-kontendenti izda ghall-atti illi jipprezentaw il-partijiet (art 146). Illi ghalhekk in-notifika tal-kontendenti ghalkemm issir wara d-dekorriment tas-sena, ma jgibx awtomatikament id-dezerzjoni.

3. Illi fl-imsemmi artikolu 146(1) il-ligi tistipula illi l-procedura bil-miktub quddiem din il-Qorti titqies maghluqa bit-twegiba ghar-rikors tal-appell.

4. Illi minn dan issegwei logikament illi ma jistax ikun hemm twegiba ghar-rikors jekk dan ma jigix notifikat u fin-nuqqas ta' notifika wara r-rikorrent jigi avzat b'dan huwa jkun obbligat u f'posizzjoni li jiehu l-passi mehtiega biex jara li ssir in-notifika skond il-ligi.

5. Illi fil-kaz in ezami l-esponenti, kif jidher mill-process ma gewx infurmati li r-rikors taghhom ma kienx gie notifikat u ghalhekk ma setghux jagixxu biex jirregolaw il-pozizzjoni taghhom. Fil-fatt lanqas ma hemm pink card fl-atti tal-process.

6. Illi ghalhekk kif qatt jista' wiehed jippretendi li jkun hemm twegiba ghar-rikors meta dan l-istess rikors ma gietx notifikata minhabba nuqqas tal-istess Registratur li applika l-art 963 minghajr ma osserva r-regoli tan-notifika tal-atti u f'ezitu negattiv li jinforma lill-parti li harget l-att biex tigi avzata li n-notifika kienet negattiva.

7. Di piu kif jista' qatt wiehed jiddikjara li l-procedur bil-miktub quddiem din il-Qorti inghalqet meta lanqas biss ma nhareg l-att tal-avviz tas-smiegh tal-appell – mancanza serja li timmilita konta d-disponzjonijiet tal-ligi u l-leggerezza ta' kif gie applikat l-artikolu 963 tad-Dezerzjoni biex wiehed ma jsemmix ukoll il-ksur tal-principji fundamentali li jirregolaw 'Fair Trial".

8. Ta' min josserva wkoll illi jekk kif turi r-riferta l-indirizz moghti mill-esponent kien hazin dina hija mancanza tal-appellat peress li l-indirizz moghti mill-esponent huwa l-istess indirizz li ta' l-appellat u din il-mancanza ma hijiex imputabbli lir-rikorrent izda lill-appellat li ma ghandux jusufruwixxi mill-att irregolari tieghu.

Ghaldaqstant l-esponenti umilment jitolbu illi din il-Qorti tirrevoka d-digriet ta' dezerzjoni moghti fit-23 ta' Gunju 1997 u tappunta l-appell ghas-smiegh skond il-ligi."

**DIGRIET TAL-5 TA' MEJJU 1999**

Din il-Qorti pprovdiet fuq dak ir-rikors preventivament b'dan il-mod :-

"Il-Qorti,

Rat ir-rikors u r-risposta.

Rat li r-registratur tal-Qorti fit-23 ta' Gunju 1997 iddikjara li billi ghaddiet sena mid-data tal-prezentat tal-Appell dan huwa dezert skond l-Art. 963 tal-Kap 12. Rat id-decizjonijiet taghha fil-kawza fl-ismijiet Prokuratur Legali Joseph Galea et vs Edwin Borg (Cit. Nru. 133B/88) u Francis Xavier Formosa et vs Carmelo Mifsud et (Rik. Nru. 190 b/87) moghtija t-Tnejn fis-26 ta' Frar 1999.

Tappunta l-appell ghas-smiegh skond il-ligi b'dan pero' li tali appuntament qed isir bla pregudizzju ghall-applikabilita' o meno ta' l-Art. 963 tal-Kap 12 li ghandu jigi konsidrat u trattat fl-ewwel seduta li ghaliha din il-Qorti qed tappunta s-smiegh tal-appell u cioe' ghal nhar it-Tlieta 22 ta' Gunju 1999 f'nofsinhar. Spejjez risevati."

**IL-FATTI**

Mill-atti processwali jirrizultaw dawn il-fatti rilevanti ghall-konsiderazjoni tat-talba.

- "L-appell gie ntavolat fil-21/6/96.
- L-appell gie dikjarat dezert fit-23 ta' Gunju 1997 peress li kienet ghaddiet sena mid-data tal-prezentata ta' rikors ta' appell, u proceduri bil-miktub kienu ghadhom ma nghalqux.

- Fir-riferta tal-marixxal tal-Qorti a fol. 86 hemm dikjarat li l-appellat nomine (l-attur nomine) ma giex notifikata peress li "**Wrong Address**".

- L-indirizz li gie ndikat fir-rikors tal-appell fejn kellu jigi notifikat l-appellat huwa H. Vassallo & Sons Ltd, Tower Road, Sliema. Dan huwa l-istess indirizz li gie ndikat mill-appellat nomine fl-att tac-citazzjoni li pprezenta fil-15 ta' Novembru 1994. Interessanti li r-riferta tal-marixxal li kien ghamel in-notifika tal-avviz ta' smiegh quddiem l-Ewwel Qorti lill-attur nomine hija wkoll negattiva (fol 8 a tergo) u tipprovdi : "*nuqqas tad-dezerzjoni m'hemmx numru tal-bieb".*

- Mill-atti ma jirrizulta ebda tentattiv iehor sabiex l-appellanti jergghu jinnotifikaw ir-rikors tal-appell lill-appellat nomine."

Ma' dawn il-fatti l-Qorti tosserva s-segwenti :-

(a) Illi hu minnu li meta mar biex jinnotifika lill-appellat nomine bir-rikors tal-appell l-ufficjal tal-Qorti mar fl-indirizz indikat mill-istess appellat nomine bhala rekapitu tieghu meta pprezenta l-att tac-citazzjoni. Ghalkemm f'dik l-okkazjoni l-ufficjal ezekutur ma ghamiltx in-notifika minhabba nuqqas ta' direzzjoni, l-istess ufficjal ezekutur inkarigat minn notifika tal-avviz tas-smiegh tal-prezenti rikors ma sabx l-istess diffikulta meta gie ordnat imur fl-istess identiku indirizz.

(b) Illi din il-Qorti difficilment taccetta li l-ufficjal ezekutur ma setghax jiddentifika l-lok fejn kellu jezegwixxi n-notifika anke jekk hu minnu li ma nghatax indikazzjoni tan-numru tal-istabbiliment u Tower Road, tas-Sliema, hi triq twila hafna. In-negozju de quo pero' hu certament identifikabbli u d-direzzjoni moghtija zgur ma kienitx hazina kif ukoll ma

jistax ikun hemm dubju illi kien sewwa maghruf lill-appellanti tenut kont tax-xorta tan-negozju li taha lok ghall-kawza.

(c) Illi l-ufficjal ezekutur ghamel kif dover tieghu r-riferta negattiva tan-notifika tar-rikors tal-appell fit-2 ta' Lulju 1986. Ma gharraf lil hadd permezz ta' ittra li l-att ma kienx gie notifikat. Ma kellux dan id-dover. Kien mill-banda l-ohra l-obbligu tar-rikorrenti li jassiguraw illi l-atti bil-miktub jigu debitament maghluqa fiz-zmien statutorjament preskritt.

**KONSIDERAZZJONIJIET TA' DIN IL-QORTI**

It-talba tar-rikorrenti ghalhekk biex id-dezerzjoni avvenuta ex lege tigi sanata u l-atti reintegrati ma tistax f'dan il-kaz tigi milqugha. Il-Qorti taghmel is-segwenti kondizzjonijiet :-

(a) L-artikolu 963 tal-Kap 12 jipprovdi illi l-procedura bil-miktub f'kull kawza ghandha tigi maghluqa fil-Qorti fi grad ta' appell fiz-zmien perentorju ta' sena. Zmien perentorju li jibda jiddekorri mid-data tal-prezentata tar-rikors ghat-thassir tas-sentenza (artikolu 963 tal-Kodici tal-Organizazzjoni u Procedura Civili). Inoltre li l-artikolu146 jipprovdi l-procedura bil-miktub quddiem il-Qorti fi grad ta' appell titqies maghluqa bit-twegiba ghar-rikors u fin-nuqqas tat-twegiba bl-eghluq ta' zmien moghtija ghaliha.

Gie ritenut fil-kawza "Alfred Borg vs Ian Salamone" deciza minn din il-Qorti fit-28 ta' Frar 1994, illi "il-ligi tipprezumi li jekk l-appellant ma jipprokurax li jinnotifika lill-appellat jew appellati fiz-zmien perentorju ta' sena, l-appell jigi konsidrat dezert ghaliex l-appellant ikun prezunt li rrinunzja ghall-atti ta' l-istess appell". Mhux kontestat illi z-zmien ta' sena kien effettivament iddekorra tant illi jidher illi l-appellat nomine kien ghadu sal-lum mhux notifkat bir-rikors tal-appell ghalkemm, kif inghad, kien gie notifikat bir-rikors tal-prezenti istanza li bih qeghdin jitolbu li d-dezerzjoni avvenuta tigi sanata.

(c) L-appellanti jilmentaw illi huma ma gewx notifikati mill-marixxal li ezegwixxa n-notifika tar-rikors tal-appell illi hu ma kienx irnexxielu illi jikkonsenja dak l-att lill-appellant nomine fl-indirizz moghti. Il-kwistjoni jekk jezistix xi obbligu tal-marixxal tal-Qorti li jgharraf lill-parti jew lill-avukat/prokuratur legali bin-nuqqas ta' notifika tar-rikors ta' appell, giet diga' deciza fil-kawza fl-ismijiet "Edwin Privitera vs Joseph Borg et" deciza mill-Qorti ta' l-Appell fis-6 ta' Ottubru 1999. Il-Qorti ddikjarat "Ma jidhirx li dan l-obbligu johrog minn xi disposizzjoni tal-ligi u jidher li l-prattika giet introdotta ftit tas-snin ilu minn din il-Qorti diversament presjeduta proprju bhala servizz biex jigu evitati kemm jista' jkun is-sorprizi in materja ta' notifiki." Il-Qorti kompliet tafferma "illi ma jezisti ebda obbligu da parti ta' xi hadd li jinnotifika lill-appellant bin-nuqqas ta' notifika tal-petizzjoni u li kien obbligu tal-parti stess li ssegwi l-atti u l-progress taghhom u tirrimedja fi zmien utli. L-obbligu impost fuq il-

marixxal hu biss li jaghmel ir-riferta fl-atti fit-termini ta' l-artikolu 188 tal-Kap 12. Kien id-dover tal-partijiet li jsegwu l-progress tan-notifika ta' l-atti b'riferenza diretta ghall-process. U dan indipendentement minn kull avviz mahsub biex jassistihom f'dan ix-xoghol u li fuqu huma ma kellhomx jistriehu jew iserrhu rashom. Dan naturalment ma jfissirx illi l-ufficjali ta' din il-Qorti jistghu jkunu leggeri, kif kultant huma, in materja ta' notifika ta' riferti u anke ta' avvizi li huma diretti li jaghmlu bhala parti integrali mix-xoghol taghhom".

F'dik is-sentenza din il-Qorti eleaborat b'certu dettal meta u sa fejn il-marixxal tal-Qorti kien tenut li jaghti rendikont tal-operat tieghu in materja ta' notifika ta' atti fl-appell lill-avukat jew il-prokuratur legali ta' parti. Issir hawn refernza ghal dawk il-konsiderazzjonijiet. Din il-Qorti zzid biss illi l-Kodici tal-Organizazzjoni u l-Procedura Civili jipprovdi li l-avukat jigi informat b'riferta negattiva in sede appell biss fir-rigward tal-avviz ghas-smiegh fl-ewwel appuntament. Infatti l-artikolu 152 s-sub inciz 2 jipprovdi illi dan l-avviz kellu jinghata b'citazzjoni. Jekk l-appellant ma jigix notifikat b'dan l-avviz ghas-smiegh, ir-registratur, kemm-il darba ma jkunx ezentat kif jinghad fis-sub-artikolu 1 ta' dak l-artikolu, kellu fi zmien ghaxart ijiem jinforma bil-miktub lill-avukat ta' dik il-parti li l-avviz ma jkunx gie notifikat u l-avukat ghandu jiffirma fuq kopja li rcieva dik il-komunika.

Dak illi l-ligi tezigi fir-rigward tal-avviz tas-smiegh ma jirrizultax li tezigih fir-rigward tan-notifika tar-rikors tal-appell. Kif inghad il-ligi tipprezumi illi l-appellant jaghmel dak kollu li huwa mehtieg biex jassigura illi fi zmien statutorju preskritt mil-ligi, r-rikors tal-appell ikun gie debitament notifikat lill-appellat. Kien ghalhekk l-obbligu tal-appellant li jsegwi n-notifika tar-rikors tal-appell tieghu lill-appellat biex jassigura li l-procedura bil-miktub tinghalaq fi zmien preskritt fil-ligi. Hi wkoll skorretta s-sottomissjoni tal-appellant illi "di piu' kif jista' qatt wiehed jiddikjara li l-procedura bil-miktub quddiem din il-Qorti inghalqet meta lanqas biss ma nhareg l-att tal-avviz tas-smiegh tal-appell". Apparti l-fatt illi, kif fuq accennat, l-artikolu 146 jippreskrivi illi l-procedura bil-miktub titqies maghluqa bit-twegiba ghar-rikors u fin-nuqqas ta' twegiba bl-gheluq taz-zmien moghti lilha u l-gheluq ta' dik il-procedura m'hi bl-ebda mod relatata man-notifika tal-avviz tas-smiegh, l-artikolu 151 jipprovdi li r-registratur kellu inizzel fi ktieb mizmum ghal daqshekk il-kawzi, in sede appell, li l-iskritturi taghhom ikunu gew maghluqa skond kif jinghad fl-artikolu 146 <u>fl-ordni tad-data li fiha dawk l-iskritturi jkunu gew hekk maghluqa</u>. Is-sub-inciz 1 tal-artikolu 152 imbaghad jezigi li r-registratur billi jimxi skond l-ordni msemmi b'dan l-ahhar artikolu appena citat, kellu jqieghed dawk il-kawzi fuq il-listi ta' kawzi li jkunu ghas-smiegh ghal-ewwel darba "u ghandu jiehu hsieb li l-partijiet jigu notifikati b'avviz tal-gurnata moghtija mill-Qorti ghas-smiegh tal-kawza". Dan ifisser illi stricto iure r-registratur kellu biss johrog l-avvizi ghas-smiegh ghall-ewwel darba <u>ta' dawk il-kawzi li l-iskritturi taghhom ikunu</u>

gew maghluqa. L-gheluq tal-procedura bil-miktub quddiem din il-Qorti, kien allura process ghal kollox indipendenti mill-appuntament tal-kawza ghall-ewwel smiegh u minn notifika b'citazzjoni tal-avviz ta' dak l-appuntament lill-partijiet. Il-premessi li jimmotivaw it-talba tal-appellanti lil din il-Qorti biex tirrevoka d-digriet ta' dezerzjoni avvenuta ex lege ma kienux allura jinkwadraw ruhhom fid-disposizzjonijiet tal-ligi applikabbli in materja.

Ghal dawn il-motivi, t-talba tal-appellanti kontenuta fir-rikors taghhom tal-24 ta' Awissu 1998, biex din il-Qorti tirrevoka d-digriet ta' dezerzjoni moghti fit-23 ta' Gunju 1997 qed tigi michuda bl-ispejjez kontra taghhom.

Dep/Reg

mg